L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 2 ta' Jannar, 2004

**Anglu dejjiemi tal-Milied**

Il-Milied igib mieghu hafna hsibijiet. Hsibijiet sbieh. Hsibijiet fina nfusna u hsibijiet f'haddiehor. Huwa l-isbah festa ghax, anke dawn l-ahhar snin iktar minn ohrajn, il-Milied Malti sar ifisser iktar minn qabel solidarjetà u karità.

Izda l-Milied ifisser ukoll hsibijiet koroh. Hsibijiet koroh ghal min ma jkun jista' jiccelebra dawn il-jiem ma' nies gheziez ghalih ghal raguni jew ohra. Huwa zmien li jaccettwa s-solitudni u n-nuqqasijiet. Huwa wkoll zmien li jghin biex jurina li ghaddiet sena ohra u certi problemi f'hajjitna ghandhom ma ssolvewx. Però zgur li fuq quddiem jigu dawk in-nies li ghal Milidijiet shah iccelebrajna maghhom u llum m'ghandhomx maghna.

Fl-"istrina" li ghaddiet inghatat stina kbira lil dawk kollha li n-natura ma tathomx l-uzu massimu tal-fiziku taghhom jew inkella lil dawk li ghal raguni jew ohra s-socjetà spiccat biex ghamlitilhom hajjithom difficli.

Izda kull Milied – ghal kull min mhux mghammed b'ghamad politiku li ma jhallihx jaghraf l-abjad mill-iswed – ghadnu jfakkru wkoll f'vittma ohra ta' Milied kiesah ta' 26 sena ilu. Pajjizna kien ghaddej minn kontroversja. Minhabbaragunijiet politici, it-tobba Maltin hargu bi strajk u shabna l-Maltin kollha ma kinux qeghdinjigu moqdija fil-bzonnijiet medici taghhom.

Professur Malti stabbilit gewwa l-Afrika biex jghin lic-cittadini Maltin rega' gie lura Malta u kiser l-istrajkta' l-istess tobba bhalu biex jaghti servizz lic-cittadin. Fit-28 ta' Dicembru 1977ircieva envelop li marret tifthu t-tifla tieghu li kienet ghal btala ghand missierha. L-età tat-tifla kienet 15-il sena. L-ittra kienet bomba.

Il-Knisja f'din il-gurnata ticcelebra l-Festa ta' l-innocenti. Karin Grech mietet f'din il-gurnata. L-uniku tort taghha kien li kienet bint tabib li pprova jghin lill-poplu Malti f'dilemma politika. Il-qtil kien politiku. Purament politiku.

Fis-27 ta' Dicembru hafna nies iccelebraw il-miljun u wiehed u ghoxrin elf Liri Maltin f'karità. Kulhadd capcap u ferah ghax huwa minnu li qatt ma tista' thossok ahjar minn meta taghti. Izda fost dawk li capcpu seta' kien hemm min ghad ghandu idejh imcappsa bid-demm – id-demm ta' Karin.

Ghax 26 sena wara l-qattiel gahdu barra. Seta' qatel ohrajn. Seta' ghamel bombi ohra. Seta' wehel il-habs fuq akkuzi ohra. U seta' miet jew marad. Izda zgur li qatt ma kellu dritt ghal-libertà jekk baqa' liberu.

U l-qattiel kellu mottivi politici. Omicidju mill-iktar kundannabbli li seta' kien biss pri-determinat. Il-vittma kienet u ma kinetx specifika. In-numru ta' vittmi kien u ma kienx determinat. F'dik il-gurnata l-vittma seta' kien il-Professur Edwin Grech innifsu – il-persuna li ghaliha kienet indirizzata l-ittra, seta' kien xi hadd iehor mill-familja tal-Professur Edwin Grech u setghu wkoll kienu iktar minn persuna wahda.

Fl-istudji legali tal-ligi kriminali tieghi qatt ma studjajt realtà iktar kerha mit-tip ta' komplicità li trid issir biex titpogga bomba. Id-differenza bejn bomba u kwalunkwe arma ohra huwa li l-bomba zgur li se jkollha vittmi innocenti. Il-persuna li tippjana u tpoggi bomba hija verament kundannabbli u

perikoluza. Affarijiet bhal dawn illum jigru biss fejn hemm konflitti mdemmija u gwerer civili. Zgur li 26 sena ilu graw ukoll f'Malta.

Izda hemm persuni ohra kkundannabbli. Min qabbad lill-persuna li taghmel il-bomba? Dan huwa responsabbli moralment ghall-qtil ta' Karin Grech. U min hu dan?

Jista' jkun kulhadd. Zgur huwa persuna motivate minn ragunijiet politici, izda hemm ukoll kwazi certezza li min idealizza dan id-delitt brutali m'huwiex l-istess bhal min id-disinja u hallat il-bomba. Dan ghandu jkun persuna ta' stil differenti li pjuttost igawdi r-rispett tas-socjetà.

Id-delitt ta' Karin Grech zgur li ghandu aktar minn persuna wahda warajh. Dawn il-persuni zgur li ltaqghu aktar minn darbabiex jippjanaw id-delitt. U fl-ebda moment mil-laqghat taghhom ma giehom rimors li se joqtlu persuna, li l-persuna li se joqtlu tista' ma tkunx dik li jixtiequ huma u li jista' jkun li ma joqtlux biss persuna wahda u li jista' jkun li jferu jew joqtlu u jferu. Minn dan kollu ma mpurtahom xejn. U l-pulizija qatt ma solviet dan il-kaz. U programmi twal ta' diskussjoni li qatt ma ddiskutew dan il-kaz fiz-zminijiet tal-Milied. Izda l-kaz jibqa' hemm. Kaz mhux maghluq u vittma li ghadha trid tara li l-gustizzja ssir.

Insellmulek Karin! Jekk hadd ma jaghti kasek ahna nsellmulek!